MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2013

Talba Numru. 1021/2009

**Eleanor Limited**
**C 41413**

**Vs**

**Windsor Holdings Ltd u**
**l-Perit William Carbonaro**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi fejn is-socjeta' attrici talbet sabiex is-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' elf mitejn u hamsa u erbghin ewro (€1,245) rapprezentanti hlas mis-socjeta' attrici lill-*Water Services Corporation u Enemalta Corporation* biex tigi ndennizzata pendenza ta' inkwilini precedenti ta' Windsor Holdings Limited.

Illi l-esponenti kienu qasmu Sulari f'Regent House Bisazza Str liema sulari kienu appartamenti tad-ditta intimata.

Illi fl-artiklu 6 tal-istess kuntratt ezebit, is-socjeta' *Windsor Holdings Limited* assumiet responsabbilta ghall kull pendenzi u kontribuzzjonijiet kif jirrizulta mill-istess artiklu 6.
Illi l-intimati gew inutilment interpellati.

Illi b'risposta tat-8 ta' Frar, 2010 s-socjeta' konvenuta eccepiet illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, u dan stante illi s-socjeta' esponenti qatt ma obbligat ruhha li thallas l-ammont mitlub fl-avviz tat-talba.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici li hija ingunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Illi b'risposta tieghu l-konvenut eccepixxa illi preliminarjament il-Perit William Carbonaro m'huwiex il-legittimu kontradittur u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju u subordinatament it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan stante illi l-Perit William Carbonaro qatt ma obbliga ruhhu li jhallas l-ammont mitlub fl-avviz tat-talba.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici li hija ingunta sabiex tidher ghas-subizzjoni .

Fl-24 ta' Gunju, 2010 xehed il-Perit William Carbonaro u spjega illi qatt ma ra l-kont involut fil-kuntratt t'Awissu 2007. Jghid illi jista jkun li ra xi cekkijiet li harget is-socjeta' attrici lill Enemalta imma ma jafx jew ma jiftakarx ta' xhiex.

Ix-xhud spjega li jaf li kien hemm xi tenant li telaq u halla kontijiet pendenti u kienet is-socjeta' attrici li hadet *over* il-post u tellha tassumi u tobbliga ruhha u hekk ghamlet u hallset. Filfatt il-pagamenti kienu fuq servizz gdid u mhux fuq kontijiet u bilanci pendenti fuq il-kont li ma hallasx l-inkwilin.

Fis-26 ta' Ottubru, 2010 u f'seduti sussegwenti xehed il-Perit Richard Vassallo in rapprezentazi tas-socjeta' attrici u spjega illi kien hemm trasferiment ta' proprjeta

minghand is-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici. Illi skond il-kuntratt ta' trasferiment fi klawsola 6 is-socjeta' konvenuta bhala socjeta' venditrici kellha tobbliga ruhha li tkopri kwalsiasi kontijiet li kien hemm pendenti fuq il-proprjetajiet.

Ix-xhud spjega illi l-ammonti li thallsu kienu jammontaw ghal disgha mitt ewro (€900) u ammont iehor ta' tlett mija u hamsa u erbghin ewro (€345) lill-Korporazzjoni Enemalta. Dawn il-hlasijiet saru ghal *new service* fuq l-appartament numru 62. Fil-Board Meeting li kien sar il-konvenut William Carbonaro kien qabel li jsir il-hlas pero ma kienx hemm qbil fuq xi kont iehor tal-accountant.

L-ammont mitlub fl-avviz kien thallas peress illi fuq l-appartament numru 62 kien hemm kontijiet pendenti liema ammonti kienu sostanzjali ta' circa hmistax-il elf ewro (€15,000), u peress illi l-konijiet kienu fuq l-inkwilin, is-socjeta' attrici waslet fi ftehim mal-Enemalta sabiex minflok thallas l-ammont tal-kont thallas ghal *new service*. Li kieku ma sarx hekk allura x-xhud kien ikollu jew ihallas il-kont jew jaqtghulu s-servizz.

Xehed ukoll Anthony Parlato Trigona.

It-Tribunal wara li sema x-xhieda prodotti, u wara li ra d-dokumentazzjoni pprezentata huwa tal-fehma illi huwa car mill-kuntratt ta' akkwist illi s-socjeta' venditrici u cioe s-socjeta' konvenuta kienet assumiet li thallas il-kontijiet pendenti tal-appartament in kwistjoni. Illi sussegwentement is-socjeta' attrici meta rat illi l-kontiijiet kienu lahqu l-hmistax-il elf ewro (€15,000) minflok esigiet li s-socjeta' konvenuta thallas l-ammont irrangat mal-Enemalta sabiex minflok thallas dak l-ammont kollu thallas biss elf mitejn u hamsa u erbghin ewro (€1,245) ghal servizz gdid. Gara pero illi s-socjeta' konvenuta minflok ma ffrankat il-hmistax il elf ewro (€15,000) qabdet u hallset l-elf mitejn u hamsa u erbghin ewro (€1,245) qalet illi hija ma ghandhiex x'taqsam ma' *new service*. Pero kellha zgur x'taqsam mal-kont ta' hmistax-il elf ewro (€15,000). It-Tribunal ma jistax ihalli lis-socjeta' attrici tbati

l-ammont mitlub wara li ffrankat tant eluf lis-socjeta’ konvenuta bl-arrangament li ghamlet mal-Enemalta.

Fl-istess hin it-Tribunal ma jistax jaqbel ma dak li qal il-Perit Raymond Vassallo li jekk it-Tribunal jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas l-ammont allura jkun qed ihallas parti mill-ammont huwa stess peress illi huwa direttur fiz-zewg kumpaniji kemm dik attrici kif ukoll dik konvenuta. Meta l-kumpanija konvenuta obbligat ruhha li tidhol responsabbli ghal kontijiet pendenti kien jaf li kien ser ihallas sehem minn dawn il-kontijiet. Ghalhekk it-Tribunal ma jarax ghaliex ma ghandux ihallas sehem ukoll mill-ammont mitlub fl-avviz. Rigward il-konvenut William Carbonaro li t-Tribunal ma emminx ix-xhieda tieghu u deher car illi minkejja li jaf bil-kontijiet u pprometta li jhallas baqa’ jitrateni milli jiffirma c-*cheque*. Pero ghal dan in-nuqqas it-Tribunal ma jistax jikkundannah ghaliex ir-relazzjoni guridika tinsab bejn is-socjeta’ attrici u dik konvenuta u mhux mieghu personalment.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jaqta u jiddecidi billi jilqa t-talbiet attrici, jichad l-eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta, u jilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenut William Carbonaro u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta *Windsor Holdings Ltd* sabiex thallas lis-socjeta’ Eleonor Limited l-ammont ta’ elf mitejn u hamsa u erbghin ewro (€1,245). Bl-imghax mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez ikunu a karigu tas-socjeta’ konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------